## QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
## BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 1395/2007**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**Vs**

**Generoso Sammut**

**Illum, 21 ta' Jannar 2022**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Generoso Sammut** ta' 53 sena, iben Carmel u Josephine nee' Attard, imwieled il-Pietà fl-24 ta' Frar 1954, detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru **203454M** u residenti nru 32, Triq Ferdinand Hompesh, Siggiewi, fejn huwa ġie akkużat:

1. Talli nhar it-22 ta' April 2007, għall-ħabta tas-18.45hrs, f'nru 5, Misraħ Mikiel Anton Vassalli, Żejtun, volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, billi għamel ħsara fuq żewġ mobiles tal-għamla nokia li jiswew madwar LM240, għad-dannu ta' Jonathan Attard u Ritienne Caruana miż-Żejtun, liema

ħsara tiskorri l-mitt Lira Maltin iżda mhux il-ħames mitt Lira, bi ksur tal-Art. 325(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. talli fl-istess jum, lok u ċirkostanzi, ikkometta serq ta' choker tad-deheb li l-valur tiegħu jeċċedi l-mitt Lira. Bi ksur tal-Art. 261(ċ) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. talli fl-istess jum, lok u ċirkostanzi ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Jonathan Attard, hekk kif iċċertifika Dr. Ian Gauci MD ta' Paola Health Centre, bi ksur tal-Arti. 221(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, apparti l-piena kkontemplata mil-liġi, tapplika l-Artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-Liġjiet ta' Malta.

Rat illi dawn il-proċeduri ġew deċiżi minn dina l-Qorti diversament ippresjeduta b'sentenza erogata nhar is-26 ta' Marzu 2014, liema sentenza ġiet appellata u l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) iddikkjarat is-sentenza u l-proċeduri sa dak il-punt bħala li huma nulli u rrinvijat il-proċeduri quddiem din il-Qorti għar-raġunijiet msemmija hawn aktar 'l-isfel;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali, ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta mogħti nhar it-13 ta' Novembru 2007 sabiex l-imsemmi Generoso Sammut jiġi ttrattat bi proċedura sommarja;

Rat ma hemmx indikat fl-atti jekk din il-Qorti, diversament ippreseduta, ottemporatx ruħha mad-dettami tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta billi saqsiet lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni il l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat illi dan in-nuqqas kien dibattut quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fejn b'sentenza erogata nhar il-31 ta' Lulju 2020, dik il-Qorti laqgħet l-aggravju sollevat mill-appellant dwar in-nullità tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti u konsegwentement iddikjarat bħala nulli s-

sentenza appellata kif ukoll il-proċeduri kollha li saru wara li l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma l-akkuża bil-ġurament fl-udjenza tas-16 ta' Mejju 2008, u wara li rat l-artikolu 428(1) tal-Kodici Kriminali bagħtet l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex din il-Qorti tisma' l-każ skont il-ligi.

Rat illi wara l-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell Kirminali (Sede Inferjuri) il-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti diversament ippresjeduta, u li bl-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, dawn l-atti odjerni ġew assenjat lil din il-Qorti kif presjeduta;

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2021, il-prosekuzzjoni u d-difiża ezentaw lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' tisma x-xhieda li nstemgħu u milli terġa tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar. Inoltre, rat ukoll li kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiża qablu li l-atti ġew pjenament issanati u li qed jirrinunzjaw għal kwalsiasi eċċezzjoni li tista' tingħata fir-rigward;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti kif qed jiġu allegati mill-prosekuzzjoni jirrisalu għal inċident li seħħ fit-22 ta' April 2007, fejn qiegħed jingħad li għall-ħabta tas-6.45pm inqala' argument bejn l-akkużat Generoso Sammut u ċerta Jonathan Attard fuq vettura li Sammut kellu għand Attard. Fix-xhieda tiegħu, Jonathan Attard jispjega li l-akkużat kien ħadlu vettura biex ibbidlilha l-magna minn petrol għal diesel. Hekk kif kien qed jiġu konklużi x-xogħolijiet, kien hemm nuqqas ta' qbil bejniethom u Attard qallu li jew Sammut jagħmel kif qed jgħidlu, jew jista' jieħu l-vetura lura[1].

Jidher li dakinhar tal-inċident, l-akkużat mar ħabbat il-bieb ta' Jonathan Attard. Dak il-ħin ġewwa kien hemm l-għarusa ta' Attard ċerta Ritienne

[1] A fol. 33 tal-atti proċesswali.

Caruana. Hekk kif fetaħ il-bieb, l-akkużat imbotta lil Attard ġewwa u ħebb għaliħ.

PC 1386 Anthony Agius jgħid li Jonathan Attard kien mar jirrapporta fl-għassa tal-Pulizija li Sammut kien mar għandu, ħabbatlu fuq il-bieb tad-dar u kif fetaħ, Sammut daħal għaliħ fid-dar tiegħu u beda jagħti lill-istess Attard bi fruttiera fuq rasu u anke b'tazza tal-plastik. Fir-rapport, ippreżentat mix-xhud bħala dok "AA"[2], Attard qal li Sammut ħataflu choker li kellu f'għonqu u ħadhielu. Qal ukoll li kellu telefon ċellulari li ġarrab il-ħsara waqt din it-taqbida. Attard kien ippreżenta ċertifikat mediku ta' Dr Ian Gauci li ċċertifika li kellu *slight injuries*. Attard kien reġa irrikorra fl-għassa tal-pulizija u qali li Sammut kien qiegħed iċempel lill-għarusa ta' Attard, ċerta Ritienne, u kien heddida b'xi kliem. Xi jumejn wara dan l-inċident, Attard reġa mar għand il-pulizija u qal li t-telefon ċellulari tal-imsemmija Ritienne kien ġarrab xi ħsarat peress li kien hemm xi orange juice li daħal fil-mobile waqt dan l-argument.

Meta reġa xehed f'Marzu 2010, hu kkonferma li minkejja li kien talab lil Jonathan Attard diversi drabi jeħodlu l-istima tal-ħsarat u taċ-choker, dan baqa' qatt ma ħadhomlu. Din ix-xhieda hija kkoroborata wkoll mix-xhieda tal-Ispettur Joseph Agius[3] fejn jgħid li l-pulizija bgħatu għal Attard diversi drabi sabiex jieħdilhom l-irċevuti u minkejja li għaddew diversi snin, Attard baqa' qatt ma ħadhom.

Xehed ukoll Dr. Ian Gauci li kkonferma ċ-ċertifikat mediku maħruġ minnu nhar it-23 ta' April 2007 fit-7.40pm u li l-ġrieħi li ġarrab Jonathan Attard huma ta' natura ħafifa.

Xehed il-vittma Jonathan Attard fejn spjega li dakinhar tal-allegat inċident, hu kien fil-garage tiegħu li jinsab f'5, Misraħ Mikiel Anton Vassalli, Żejtun. Qal li Sammut kien taħ il-vettura tiegħu biex jagħmillu xi xogħolijiet fuqha u hekk kif il-proċess kien qed jiġi konkluż, beda jinqala l-inkwiet. Tant li Attard qallu li jekk mhux se jagħmel kif jgħidlu, Sammut jista' jabqad u jieħu

[2] A fol. 15 tal-atti proċesswali.
[3] A fol. 76 tal-atti proċesswali.

l-vettura lura. Dakinhar tal-allegat inċident, Sammut ħabbatlu l-bieb u daħal fuqu. Hekk kif daħal fuqu qabad jagħtiħ, faqalu fruttiera fuq rasu, waddablu tazza bl-orange juice u xarrabblu żewġ mobiles, u qatgħalu c-choker minn ma għonqu. Rigward il-valuri, Attard xehed li ma jafx kemm kien il-valur tac-choker u lanqas tat-telephones ċellulari. In kontro-eżami, jgħid li għalkemm ġew fl-idejn, hu ħarab u telaq jiġri l-ġewwa. Meta reġa xehed in kontro-eżami[4] hu qal li l-aħħar li ra l-ġiżirana kien meta l-akkużat ġibidhielu minn għonqu. Qal li meta ġew il-pulizija dakinhar fittxweha u qallbu kullimkien iżda din ma nstabitx. Qal li l-argument beda għax dakinhar qallu li ma riedx ikompli jaħdimlu fuq il-vettura u wara ftit tal-ħin, ħariġlu l-vettura fit-triq u pparkjaha quddiem id-dar u mar jinħasel. Wara ftit ħabbat il-bieb u l-akkużat daħal fuqu u mbuttaħ u minn hemm bdiet il-ġlieda. Qal li kien hemm fruttiera tal-ħġieġ u faqagħhielu fuq rasu u mbagħad gidmu u ġibidlu c-*choker*. Ikkonferma li l-ġiżirana baqa' ma sabhiex u li jekk tinstab, hu lest li jaħfer kollox. Qal li kien hemm ukoll preżenti t-tifel ta' l-akkużat li dak il-ħin daħal iferraqhom.

Xehdet Ritienne Caruana fejn qalet li hi kienet fil-propjetà fejn seħħew l-allegati reati. Qalet li ħabbat il-bieb u x'ħin Jonathan Attard fetaħ il-bieb, l-akkużat imbuttaħ għal fuq is-sufan. Hi kellha tazza bl-orange u l-akkużat qabdha minn idejha u waddabha lil Jonathan. Tgħid li l-akkużat gidem u beda jagħti lil Jonathan Attard. Tgħid li Sammut qabdu minn għonqu u ħadlu c-choker. Tgħid li kellha bowl tal-ħġieġ u l-akkużat faqagħhiela mal-art ftit 'l-bogħod minnha. Tgħid li l-mobile ta' Jonathan inħasel bl-orange u ma bediex jixgħel. In kontro-eżami tgħid li l-akkużat faqa' t-tazza tal-plastik bl-orange u li gidem lil Jonathan Attard f'idu u wara kellhom imorru l-policlinic. In kontro-eżami[5] xehdet li l-ġiżirana kienet ingħatat lil Jonathan Attard mingħand zijuħ, li m'għadux ħaj. Qalet li waqt il-konfużjoni tal-ġlieda, hi rat lill-akkużat jaqbad lill Jonathan Attard mill-ġiżirana u ratha f'idu. Ma tafx x'sar mill-ġiżirana wara. Qalet li l-ġiżirana ma nstabitx, għax kieku nstabet, kieku żgura li Jonathan Attard kien jerġa' jilbisha ma għonqu għax kienet għall-qalbu ħafna. Qalet li kemm ilha tafu, dejjem liebes din il-

[4] A fol. 109 tal-atti proċesswali.
[5] A fol. 103 tal-atti proċesswali.

ġiżirana. Qalet li dakinhar tal-inċident, kienet sajret ic-*chicken pieces*, kellha tazza tal-plastik, bdew itiru l-affarijiet u kellhom "naqra sodda" u tqallbu fuqha. Ikkonfermat li filwaqt li Jonathan Attard ġarrab gidma, l-akkużat ma ġarrab xejn. Qalet li l-akkużat ma waddabx it-tazza tal-plastik, iżda dak il-ħin waqgħet.

Xehedet Olivia Sammut, bint l-akkużat, fejn stqarret li kienet qed titkellem mal-kuġina tagħha, li tiġi oħt Jonathan Attard, u din qaltilha li l-ġiżirana kien sabha.

Xehdet Mary Sammut, mart l-akkużat, fejn ikkonfermat ukoll li skont oħt Jonathan Attard, ċerta Josanne Attard, li l-ġiżirana kien sabha.

Xehdet Josianne Attard Pulis[6], oħt Jonathan Attard, fejn qalet li ma taf xejn rigward il-ġiżirana u ma tafx, bħala fatt, jekk din instabitx. Qalet li qatt ma ratha. Mistoqsija dwar jekk qalitx lil Olivia Sammut, lill-ommha u anke lill-akkużat li l-ġiżirana kienet instabet, hi rrispondiet li jista' jkun li qaltilhom hekk biex taqta'. Ma taf xejn dwarha u ma tafx għalfejn qaltilhom hekk. Hi xehdet li kien ilha ma tkellem lil ħuha Jonathan Attard għal żmien twil.

Xehed Charlot Attard[7], ħu Jonathan Attard, fejn qal li meta kien għadu jkellem lil ħuħ Jonathan, kien imur il-garage tiegħu u kien ra din il-ġiżirana fil-kexxun. Spjega li waqt li kien qiegħed ħdejħ, Jonathan Attard kien fetaħ il-kexxun biex iġib xi affarijiet u ra l-ġiżirana hemmhekk u għarafha. Hu ikkonferma li l-ġiżirana kienet għand Jonathan Attard.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rapport ippreżentat bħala dok "AA" minn PS 1386 Anthony Agius, jirriżulta li l-verżjoni li ta Jonathan Attard *a tempo vergine* hi li Generoso Sammut kien mar iħabbattlu l-bieb, hekk kif fetaħ Sammut daħal agressivament u beda jtieħ. Qal li Sammut qabad fruttiera tal-ħġieġ u beda jtieħ f'għonqu biha, taħ f'rasu b'tazza tal-plastik u anke gidmu f'idu x-

[6] A fol. 85 tal-atti proċesswali.
[7] A fol. 234 tal-atti proċesswali.

xellugija. Qal li Sammut ħataflu c-choker tad-deheb li kien liebes f'għonqu. Ħa miegħu ċertifikat mediku maħruġ minn Dr Ian Gauci. Hemm imniżżel ukoll fir-rapport li wara ftit taż-żmien, Jonathan Attard reġa mar l-għassa tal-Pulizija u qal li waqt il-ġlieda inkiser mobile phone tat-tip Nokia, li jiswa madwar Lm 50 (ekwivalenti għal €116.47). Qal li waqt li kien fil-poliklinika, Sammut ċempillu u beda jheddu. Jirriżulta wkoll li fl-24 ta' April 2007, għall-ħabta tal-11.00am, Jonathan Attard reġa mar l-għassa tal-Pulizija jirrapporta li t-telephone ċellulari tal-għarusa tiegħu Ritienne Caruana kien tgħarraq peress li daħal fiħ orange juice li waqa' waqt il-ġlieda.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel akkuża miġjuba kontra l-imputat hi li għamel ħsara volontarja fuq żewġ mobiles tal-għamla Nokia li jiswew madwar LM 240 (ekwivalenti għal madwar €559.05) għad-dannu ta' Jonathan Attard u Ritienne Caruana rispettivament. Illi dwar din l-akkuża, Jonathan Attard fix-xhieda tiegħu jispjega li waqt il-ġlieda, l-akkużat waddablu tazza bl-orange u xxarbulu ż-żewġ mobiles. Min-naħa tagħha, Ritienne Caruana xehdet li l-mobile ta' Jonathan Attard inħasel bl-orange u ma bediex jixgħel. Illi minn dan jirriżulta li fil-mumenti ta' wara l-ġlieda, kemm Jonathan Attard kif ukoll Ritienne Caruana kienu jafu li l-mobiles tagħhom sfaw xi ħsarat. Dan jikkontrasta sew mal-fatt li l-ħsarat fil-mobiles ġew irrapportati minn Jonathan Attard "Some time later"[8] filwaqt li l-ħsara fil-mobile ta' Ritenne Caruana ġiet rappurtata saħansitra jumejn wara l-inċident u mhux *a tempo vergine* meta għamlu r-rapport.

Apparti minn dan, m'hemm ebda prova oħra rigward dawn l-allegati ħsarat. Fl-ewwel lok, il-mobile phones qatt ma ġew ippreżentati in atti u l-*parte civile* lanqas biss ippreżentat stima ta' dawn l-allegati ħsarat. Fix-xhieda tiegħu, Jonathan Attard saħansitra jgħid li l-mobiles għadhom għandu u li kien ħa karta l-għassa u li anke ħadilhom iċ-ċertifikat[9]. Illi kemm PS1386 Anthony Agius u l-Ispettur Joseph Agius, madanakollu, xehedu li talbuħ

[8] A fol. 17 tal-atti proċesswali.
[9] A fol. 34 tal-atti proċesswali.

diversi drabi biex jippreżentalhom l-istima tal-ħsarat fuq il-mobile phones u hu baqa' ma ħadilhomx. *Dato ma non concesso* li Attard tassew kien ħa l-"karti u ċ-ċertifikat" lill-pulizija, ma kien hemm xejn xi jżommu milli jerġa' jieħu l-kopji tagħhom, speċjalment meta hu stess ikkonferma li l-mobile phones kienu għadhom għandu.

Bil-fatt biss li din l-istima qatt ma ġiet preżentata minnu, saħansitra wara li ġie mitlub ripetutivament, u bil-fatt li dawn qatt ma ġew ippreżentati in atti, il-Qorti qed issibha diffiċli temmen, lilhinn minn kull dubju raġjonevoli, li dawn iż-żewġ mobile phones tassew saritilhom l-allegata ħsara irrimeddjabbli waqt din il-ġlieda.

Illi b'hekk, l-allegazzjonijiet miġjuba fil-konfront tad-danni allegatament ikkawżati fil-mobile phones ta' Jonathan Attard u Ritienne Caruana ma ġewx ipprovati sal-grad rikjest mil-liġi, u b'hekk il-Qorti qed tilliberaħ minn din l-ewwel akkuża.

Ikkonsidrat;

Illi t-tieni akkuża miġjuba fil-konfront ta' Generoso Sammut hija li ikkommetta serq ta' choker tad-deheb, li l-valur tiegħu jeċċedi l-mitt lira (ekwivalenti għal €232.94).

Illi dwar din l-akkuża, kemm il-vittma Jonathan Attard kif ukoll Ritienne Caruana jgħidu li qabel il-ġlieda din kienet fuq għonq Attard u waqt il-ġlieda din tqaċtet minn m'għonqu. Fix-xhieda tagħhom, it-tnejn jgħidu li l-aħħar li raw il-ġiżirana kien f'idejn Generoso Sammut[10] u Jonathan Attard isemmi li wara l-ġlieda, meta bdew ifittxuha mill-pulizija u qallbu kullimkien, din baqgħet ma nstabitx[11].

Illi dwar ir-reat ta' serq, minkejja li l-leġislatur patriju ma inkorporax id-definizzjoni ta' dan ir-reat, l-elementi li dejjem ġew segwiti mill-qrati

---

[10] Jonathan Attard, in kontro-eżami a fol 109 jgħid "*il-ġiżirana qatt ma rajtha, l-aħħar li rajtha f'idejn Generoso Sammut*" filwaqt li Ritienne Caruana, in kontro-eżami a fol 104 tgħid "*Jiena rajtha f'idu, ma rajthiex taqa' fl-art imma dak il-ħin kien hemm konfużjoni hemm ġew.*"
[11] A fol. 109 tal-atti proċesswali.

nostrani huma dawk li jemerġu mid-definizzjoni mogħtija mill-ġurista Francesco Carrara, ċioe' "*la contrattazzione dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro*"[12] .

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daniela Spiteri**[13], kompliet tgħallem li:

> *"Ghaldaqstant a bazi ta' din id-definizzjoni, jehtieg jinghad illi sabiex l-esponenti setghat b' xi mod jew iehor tinsab hatja ta' serq, il-Prosekuzzjoni kellha d-dmir legali illi tipprova s-sitt elementi li jemergu minn tali definzzjoni, ossia:*
>
> - *It-tehid tal-oggett*
> - *Bil-hsieb li jinsteraq*
> - *Ta' oggett partikolari – fil-kaz odjern il-hwejjeg*
> - *Tali oggett jappartjeni lil haddiehor*
> - *Minghajr il-kunsens tas-sid*
> - *Bl-intenzjoni li jsir qliegh mill-oggett misruq"*

Illi dawn l-elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u allura, il-prosekuzzjoni jeħtieġ li tipprova l-elementi kollha ta' din id-definizzjoni, u mhux wieħed biss.

Illi mill-provi miġjuba, jirriżulta biss li qabel il-ġlieda dan ic-choker kien fuq il-persuna ta' Jonathan Attard u wara l-ġlieda dan ic-choker ma baqgħax fuqu. Aktar minn dan, ma tressqet ebda prova oħra fir-rigward tal-allegat serq. *Dato ma non concesso* li wara l-ġlieda ic-choker ma nstabx, bl-ebda mod ma ġie pprovat lilhinn minn kull dubju raġjonevoli li Generoso Sammut ħa din il-ġiżirana miegħu bil-ħsieb li jisraqha. B'hekk, l-element essenzjali tal-"*contractatio*", ossija t-teħid, ma ġiex ipprovat sal-grad rikjest mil-liġi. Dan qiegħed jingħad ukoll in vista tax-xhieda essenzjali li ta ħu l-vittma, Charlot Attard, li kkonferma bil-ġurament tiegħu illi hu ra dan l-istess

---

[12] "Notes on Criminal Law" Vol II, Prof Sir. A. J. Mamo, GħSL, pġ 270.

[13] **Il-Pulizija (Spett Priscilla Caruana) vs Daniela Spiteri**, Qorti tal-Appell Kriminali, 2 ta' Lulju 2020, (Appell Nru 196/2018 CSH)

choker fil-pussess ta' Jonathan Attard waqt li kien fil-garage. Għalkemm din il-verżjoni ingħatat ukoll minn bint l-akkużat Olivia Sammut u minn martu Mary Sammut, ix-xhieda tagħhom, madanakollu, ma tagħmilx stat ta' prova peress li huma jirrepetu dak li semgħu mingħand terza persuna, ċioè oħt il-vittma, Josianne Attard Pulis. Interessanti, però li din l-istess xhud tgħid quddiem il-Qorti li ma tafx jekk instabitx il-ġiżirana u li ma tafx għalfejn qalet dan id-diskors liz-zija tagħha Mary Sammut u lill-kuġina tagħha Olivia Sammut. Il-Qorti tqis li x-xhieda ta' Josianne Attard Pulis hija għall-kollox inattendibbli. Ix-xhieda ta' Mary Sammut u ta Olivia Sammut tammonta għal "*detto de detto*" u għandha tiġi skartata peress li ma tilħaqx il-livell ta' prova meħtieġ f'dawn il-proċeduri.

B'hekk, bil-fatt li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova lilhinn minn kull dubju raġjonevoli l-elementi rikjesti għar-reat ta' serq, il-Qorti qed tillibera lill-istess Generoso Sammut minn din it-tieni akkuża.

Ikkonsidrat;

Illi t-tielet u l-aħħar akkuża miġjuba fil-konfront ta' Generoso Sammut hija li kkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Jonathan Attard, hekk kif iċċertifikat minn Dr Ian Gauci, ta' Paola Health Centre.

Illi mix-xhieda mogħtija minn Jonathan Attard u minn Ritienne Caruana, li kienu t-tnejn preżenti waqt il-mument tal-ġlieda, jirriżulta li Generoso Sammut ħebb għal Jonathan Attard hekk kif fetaħ il-bieb. Minkejja li hemm xi dettalji li huma nebolużi, per eżempju, ta' kif tkissret il-fruttiera[14] hemm dettalji oħra li huma ċari, fosthom li t-tnejn li huma kienu f'taqbidha bejniethom u li f'ħin minnhom, Generoso Sammut gidem l-id ix-xellugija ta' Jonathan Attard.

[14] Filwaqt li Jonathan Attard jgħid li "*l-ewwel kien hemm fruttiera u faqaħieli fuq rasi*" (fol 33) Ritienne Caruana tgħid li "*Iva kelli bowl tal-ħġieġ u Jimmy faqaħieli ma' l-art, ftit bogħod minni għax imbagħad meta ħareġ hekk qabad il-bowl u paħħ ma' l-art*" (fol 41).

Illi miċ-ċeritifkat ppreżentat in atti[15] jirriżulta li l-ġrieħi li ġarrab Jonathan Attard jikkonsistu fi (i) barxa u infjammazzjoni fuq l-id tax-xellug forma ta' ċirku daqs ta' 4cm; (ii) brix twil fuq l-id tax-xellug madwar l-għonq, fuq l-ispalla tal-lemin u fuq l-ispalla tax-xellug u (iii) daqqa fuq il-moħħ in-naħa tax-xellug.

Il-Qorti tqis li dawn il-ġrieħi kif ċertifikati huma kompatibbli mad-deskrizzjoni tal-ġlieda mogħtija mill-vittma Jonathan Attard u minn Ritienne Caruana u b'hekk m'għandhiex raġuni għalfejn tiddubita li din it-taqbida tassew seħħet u li dawn il-ġrieħi ħfief ġew tassew ikkawżati riżultat ta' din il-ġlieda.

Illi b'hekk, il-Qorti qed issib li Generoso Sammut tassew ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq Jonathan Attard.

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet akkuża hija bbażata fuq l-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta Malta. Illi minn dakinhar li seħħet din il-ġlieda, dan l-Artikolu ġie emendat darbtejn, ċioe bl-Att XIII tal-2018 u bl-Att XXXII tal-2018 ukoll liema artikoli emendaw, fost l-oħrajn, il-piena kkontemplata għadl dan ir-reat. Fiż-żmien meta twettaq dan ir-reat, il-piena kkontemplata mil-liġi kienet ta' priġunerija għal żmien ta mhux aktar minn tlett xhur jew b'multa u b'hekk din il-Qorti hija prekluża milli tmur oltre minn din il-piena.

**Deċide:**

Għal dawn ir-raġunijiet, u għar-raġunijiet sopra esposti, filwaqt li qed tillibera lil Generoso Sammut mill-ewwel u mit-tieni akkużi miġjuba kontra tiegħu, wara li rat l-Artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil Generoso Sammut ħati tat-tielet akkuża kontra tiegħu u wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tilliberaħ bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien disa' (9) xhur mil-lum.

---

[15] Datat l-għada tal-ġlieda, ċioe it-23 ta' April 2007, u li jinsab a fol. 19 tal-atti proċesswali, kif kkonfermat bil-ġurament a fol. 28 tal-atti proċesswali.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, Il-Qorti, fissret lill-ħati fi kliem ċar u li jinftiehem, il-konsegwenzi jekk huwa tagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' disa' (9) xhur mil-lum.

**Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat